

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/835

tat-8 ta' April 2019

dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra ⁽²⁾ ("il-Ftehim"), ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2001. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2004.
- (2) Ir-Repubblika tal-Kroazja saret Stat Membru tal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 6(2) tal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja, l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Ftehim għandha tiġi maqbula permezz ta' protokoll mal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fisem l-Istati Membri, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu.
- (4) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika Għarbija tal-Eġittu ln-negozjati ġew konklużi b'suċċess.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/768 ⁽³⁾, il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi Brussell fl-10 ta' April 2017.
- (6) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll mal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija tal-Eġittu, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ Kunsens tat-12 ta' Marzu 2019 (għadu mhux ippubblikat gil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ ĠUL 304, 30.9.2004, p. 39.

⁽³⁾ ĠUL 115, 4.5.2017, p. 1.

⁽⁴⁾ It-test tal-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠUL 115, 4.5.2017, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar tiegħu.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Protokoll, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jkunu marbuta bil-Protokoll ⁽⁵⁾.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' April 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

⁽⁵⁾ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.